MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 188/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alexander John Bonavia**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alexander John Bonavia talli fit-8 ta' Novembru 2010 ghall-habta tal-10.20 hrs fi Triq Dun Karm, Birkirkara:

(1) saq vettura Nru. DBY-425 (xarabank) b'manjiera perikoluza;

(2) saq vettura Nru. DBY-425 (xarabank) b'manjiera bla kont;

(3) saq vettura Nru. DBY-425 (xarabank) bi speed eccessiv;

(4) saq vettura Nru. DBY-425 (xarabank) mhux fuq in-naha tax-xellug tat-triq;

(5) waqt li kien qieghed isuq vettura Nru. DBY-425 (xarabank) naqas li jezercita l-kura u attenzjoni xierqa u juri l-intenzjoni tieghu b'sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni tieghu jew jaqbez vettura ohra.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Alexander John Bonavia jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' April 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u r-regolament 75 ta' l-Avviz Legali 128/1994, (1) ma sabitx lill-imsemmi Alexander John Bonavia hati ta' l-ewwel imputazzjoni ta' sewqan perikoluz u minnha lliberatu izda sabitu hati tar-reat minuri u kompriz ta' sewqan b'manjiera traskurata u kkundannatu ghal multa ta' mija u sbatax-il euro (€117); (2) ma sabitux hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u lliberatu minnhom; (3) sabitu hati tar-raba' imputazzjoni u kkundannatu ghal ammenda ta' tmienja u hamsin euro (€58); u (4) sabitu hati tal-hames imputazzjoni u kkundannatu ghal ammenda ta' tmienja u hamsin euro (€58). Inoltre, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 skwalifikat lill-istess Alexander John Bonavia milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tmint ijiem mid-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Alexander John Bonavia pprezentat fl-14 ta' April 2011 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn instab mhux hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u gie lliberat minnhom filwaqt li tibdel is-sentenza billi tilliberah mill-ewwel, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet. Fin-nuqqas, talab li din il-Qorti tirriforma

s-sentenza appellata billi tibdel il-piena mposta billi tapplika piena anqas harxa u oneruza;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant hu li huwa kellu johrog liberat minn kull imputazzjoni. Il-manuvra li ghamel kienet tiddependi mill-posizzjoni tal-*bus stop* u kien hemm gustifikazzjoni ghaliex kellu jsuq ghal perijodu qasir hafna lejn in-nofs tat-triq.

**6.** Huwa ormai ben stabbilit li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet serji li jinducu lil din il-Qorti tkun tal-fehma li jekk ma tigix disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi tkun ser issir amministrazzjoni hazina tal-gustizzja. F'dan l-appell il-Qorti semghet lix-xhieda principali jixhdu *viva voce* quddiemha u ghalhekk qieghda f'pozizzjoni li hi stess taghmel apprezzament tax-xiehda taghhom.

**7.** Mill-provi jirrizulta li fit-8 ta' Novembru 2010 ghall-habta ta' l-10.20 a.m. l-appellant kien qieghed isuq ix-xarabank Nru. DBY-425 fil-by-pass ta' Birkirkara sejjer fid-direzzjoni ta' Hal-Lija. Hin minnhom gibed lejn il-*lane* ta' barra u b'hekk rass lil Maria Lourdes Vella li kienet qed issuq fil-*lane* ta' barra. L-appellant jghid li dan sehh fejn il-*bus stop* li hemm qabel id-dahla li taghti ghall-Isptar Mater Dei. Maria Lourdes Vella tghid li kien aktar 'il fuq. L-appellant jghid li kellu jaghmel dik il-manuvra ghax kien hemm *van* li qabzu minn gewwa u hu haseb li kien sejjer lejn id-*day care* izda li mbaghad gibed ghall-*bypass* minn mieghu u b'hekk l-appellant kellu jigbed lejn il-*lane* ta' barra biex jevita kollizjoni. Maria Lourdes Vella tghid illi l-manuvra li ghamel l-appellant kienet sabiex jaqbez vettura fuq il-*lane* ta' gewwa ghax imbaghad rega' dahal fil-*lane* ta' gewwa. Skond Maria Lourdes Vella, din il-manuvra rrepetiha aktar 'il quddiem fil-*bypass* wara l-ewwel *roundabout* billi rassha ghat-tieni darba. Qalet li fir-*roundabouts* ma waqafx.

**8.** Margherita Portelli kienet riekba passiggiera ma' Maria Lourdes Vella u kkonfermat il-manuvra li spjegat Maria Lourdes Vella. Qalet li setghet tarah ukoll iserrep, jaqbez karozzi li kienu fuq il-*lane* ta' gewwa u jerga' jidhol fil-*lane* ta' gewwa. Innutat li fir-*roundabout* tal-Vodafone ma waqafx izda baqa' hiereg.

**9.** Din il-Qorti ma ghandha ebda raguni ma taghtix affidament lix-xiehda ta' Maria Lourdes Vella u Margherita Portelli. M'ghandha l-ebda dubju li Maria Lourdes Vella kienet irrabjata bil-mod kif kien rassha l-appellant bix-xarabank, izda ma tarax din bhala raguni ghalfejn ghandha tigdeb dwar il-manjiera ta' sewqan ta' l-appellant tul il-parti tal-*bypass* li kienu fil-vista ta' xulxin. Mill-banda l-ohra ma tqisx kredibbli dak li qal l-appellant illi nqala' minn *van* min-naha ta' gewwa. Fil-fatt, jekk, kif jghid l-appellant, huwa kien dahal fuq il-*bus stop* li hemm qabel id-dahla li taghti ghall-Isptar Mater Dei, din il-Qorti ma tqisx verosimili li, wara li jkun inqala' minn mal-*bus stop*, jigi *van* minn gewwa u jkollu bizzejjed distanza biex jerga' jaqla' ghal quddiem ix-xarabank. Bil-presenza ta' xarabank fuq il-*bus stop*, ghalkemm *in motion* ghax l-appellant ma jghidx li waqaf, traffiku seta' jghaddi minn quddiem ix-xarabank biex jidhol lejn l-Isptar Mater Dei u mhux jghaddi minn gewwa.

**10.** Konsegwentement din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet dwar il-htija ta' l-appellant. Stante li s-sewqan traskurat ta' l-appellant kien ir-rizultat tal-kontravvenzjonijiet kontemplati fir-raba' u fil-hames imputazzjonijiet, din il-Qorti sejra tqis l-imsemmijin kontravvenzjonijiet bhala assorbiti fl-imputazzjoni ta' sewqan traskurat u ghalhekk irid ikun hemm necessarjament temperament fil-piena.

**11.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tiddikjara r-raba' u l-hames imputazzjonijiet assorbiti fl-imputazzjoni ta' sewqan b'manjiera traskurata u ghalhekk tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal ammenda ta' tmienja u hamsin euro (€58) dwar ir-raba' imputazzjoni u ghal

ammenda ta’ tmienja u hamsin euro (€58) dwar il-hames imputazzjoni filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b’dan li t-terminu ghas-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan jibda jiddekorri minn nofs-il lejl tallum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------